# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2004

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ____________________ **Klassi:** ______________

## Taqsima A (10 marki)

**Qabbel dawn is-sentenzi dwar kif Ġesù jibqa' magħna.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Ġesù waqqaf l-Ewkaristija | | għal erbgħin jum. |
| 2. | Qabel tela' s-sema, Ġesù wiegħed lill-appostli | | bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. |
| 3. | Wara li qam mill-mewt, Ġesù deher lill-appostli | | fis-sagramenti, l-aktar fit-tqarbin. |
| 4. | Ġesù baqa' ma' l-appostli | | bħala Alla u bħala bniedem. |
| 5. | Illum aħna niltaqgħu ma' Ġesù | | irridu nkunu fil-grazzja ta' Alla u sajmin għal siegħa. |
| 6. | Ġesù jinsab preżenti fl-Ewkaristija kollu kemm hu, | 1 | fl-Aħħar Ċena qabel miet. |
| 7. | Biex nistgħu nirċievu lil Ġesù fl-Ewkaristija | | tfisser "ma jkollniex dnubiet mejta". |
| 8. | Fis-sagrament tal-qrar | | li kien se jibqa' magħhom sa l-aħħar tad-dinja. |
| 9. | "Fil-grazzja ta' Alla" | | niltaqgħu ma' Ġesù biex hu jaħfrilna dnubietna. |
| 10. | Ġesù qalilna li kull ma nagħmlu mal-fqar | | l-Evanġelju. |
| 11 | Aħna nsiru nafu aktar lil Ġesù meta naqraw | | inkunu nagħmluh miegħu. |

## Taqsima B (10 marki)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar Jum il-Mulej.**

1. Liema Jum iħarsu l-Lhud bħala Jum il-Mulej? ____________________ (marka)

2. Għaliex aħna l-Insara niċċelebraw il-Ħadd bħala Jum il-Mulej? ______________
   ________________________________________ (marka)

3. Agħti żewġ eżempji kif tista' tagħti qima lil Alla f'Jum il-Ħadd.

   a) ____________________ b) ____________________ (2 marki)

4. Agħti żewġ eżempji kif żgħażagħ tal-età tiegħek iħarsu Jum il-Ħadd bħala jum ta' mistrieħ.

   a) ____________________ b) ____________________ (2 marki)

5. Agħti żewġ eżempji kif Jum il-Ħadd nistgħu nħarsuh bħala l-jum tal-familja.

a) ____________________ b) ____________________ (2 marki)

6. Agħti żewġ eżempji kif f'Jum il-Ħadd nistgħu nuru l-imħabba tagħna lejn min hu fil-bżonn.

a) ____________________ b) ____________________ (2 marki)

**Taqsima Ċ** **(10 marki)**

1. Ikteb fi kliemek il-parabbola tal-bidwi li ħareġ jiżra'.
(Importanti li ssemmi l-postijiet kollha fejn waqgħet iż-żerriegħa.) (4 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. Ma' liema żerriegħa Ġesù xebbah lil dawk li ma laqgħux il-Kelma ta' Alla?

______________________________________________ (marka)

3. Ma' liema żerriegħa Ġesù xebbah lil dawk li laqgħu l-Kelma ta' Alla għal ftit?

______________________________________________ (marka)

4. Ma' liema żerriegħa Ġesù xebbah lil dawk li laqgħu l-Kelma ta' Alla iżda l-ġibda għall-ħwejjeġ ħżiena ma ħallithomx jagħmlu l-ġid?

______________________________________________ (marka)

5. Ma' liema żerriegħa Ġesù xebbah lil dawk li laqgħu l-Kelma u għamlu ħafna ġid?

______________________________________________ (marka)

6. Semmi żewġ raġunijiet li jfixklu żgħażagħ tal-età tiegħek milli jisimgħu u jilqgħu l-Kelma ta' Alla.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

**Taqsima D** **(10 marki)**

**Kompli dawn is-sentenzi:**

1. Fi żmien Ġesù, il-gvernatur tal-Palestina kien ________________________.
2. Il-Fariżej kienu jħarsu ______________ fl-irqaqat kollha tagħha.
3. Il-pubblikani kienu ______________________________________________.
4. Fil-festa tal-Għid, il-Lhud kienu jieklu _________________.
5. Il-Lhud imorru fis-Sinagoga biex ______________________.
6. Il-Lhud kienu joffru s-sagrifiċċji fit-Tempju ta' ___________________.
7. Is-Sinedriju kien immexxi mill-_________________________.
8. Il-Lhud kienu jfakkru l-ġrajja ta' meta Alla ta l-Kmandamenti lil Mosè fil-festa tal-
   ________________________________________________________________.
9. F'Jum is-Sibt il-Lhud ifakkru meta ______________________________.
10. Il-belt kapitali tal-Palestina fi żmien Ġesù kienet ________________.

**Taqsima E** **(20 marka)**

**Ġesù għallimna bil-*kliem* u bl-*eżempju*. Spjega f'żewġ sentenzi x'għallem Ġesù dwar dawn is-suġġetti. Tista' tispjega b'xi parabbola li qal JEW b'xi storja minn ħajtu.**

1. Il-maħfra tal-għedewwa ________________________________________________
   ________________________________________________
   ________________________________________________
2. Imġiba lejn il-flus ________________________________________________
   ________________________________________________
3. It-talb ________________________________________________
   ________________________________________________
4. L-umiltà ________________________________________________
   ________________________________________________
5. L-imħabba lejn il-proxxmu ________________________________________________
   ________________________________________________
6. L-ubbidjenza lejn il-ġenituri ________________________________________________
   ________________________________________________
7. Il-firdiet bejn il-partiti ________________________________________________
   ________________________________________________

8. Is-servizz lejn il-morda ______________________________________________
_______________________________________________________________

9. L-imħabba ta' Alla lejn il-midinbin ______________________________________
_______________________________________________________________

10. L-ubbidjenza għar-rieda ta' Alla ________________________________________
_______________________________________________________________

## Taqsima F (10 marki)

**Kompli dawn is-sentenzi:**

1. Wara l-Aħħar Ċena, Ġesù mar ma' l-Appostli ______________________.
2. "Ishru u itolbu biex ______________________________________."
3. Meta ħaseb fuq kif kellu jmut, Ġesù talab lill-Missier biex __________________ ______________________________________________.
4. Biex juri li ried iwettaq ir-rieda tal-Missier Ġesù talab u qal ________________ ______________________________________________.
5. Bil-biża' u t-tensjoni li ħass l-għaraq ta' Ġesù sar ______________________.

**Wieġeb fil-qosor.**

6. Semmi żewġ okkażjonijiet meta aħna nitolbu lil Alla jwarrab minna t-tbatija.
   a) ______________________ b) ______________________
7. Alla dejjem iwarrab minna t-tbatija? __________
8. Kif għandna nitolbu lil Alla meta nkunu qegħdin inbatu? __________________ ______________________________________________
9. Ġesù bata għax iħobbna. Ikteb sentenza dwar qaddis li studjajt dwaru li wera l-imħabba tiegħu billi miet flok sieħbu.
   ______________________________________________
   ______________________________________________

## Taqsima Ġ (30 marka)

**Fuq karta separata ikteb dwar *tnejn* minn dawn is-suġġetti. (80 kelma fuq kull waħda)**

1. Biex inkun verament nisrani, irrid inħobb lil kulħadd.
2. Abraham.
3. Missier dawk kollha li jemmnu.
4. Madre Tereża - Ħabbet lill-ifqar fost il-fqar.